# QORTI ĊIVILI PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sittax (16) ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 648/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Demicoli**
**(ID: 546374M)**

**VS**

**Avukat Ġenerali**
**Kummissarju tal-Pulizija**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti flimkien ma' żewġ persuni oħra kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'akkużi relatati ma' mewt involontarja ta' żewġ persuni fuq sit ta' kostruzzjoni liema aġir seħħ minħabba negliġenza tal-esponenti waqt il-qadi ta' xogħlu fuq dana s-sit ta' bini;*

    2. *Illi apparti minn l-akkużi addebitati kontra tiegħu naxxenti mill-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, l-esponenti kien anke akkużat taħt disposizzjonijiet relatati ma' dawk tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol;*

    3. *Illi l-vittmi f'dan il-każ kienu Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb li dakinhar tal-inċident kienu qegħdin it-tnejn ġewwa korp bini li ġġarraf u li jġib l-isem ta' 'St. Francis Flats' Triq Ramon Pirellos, San Pawl il-Baħar. Illi x-xogħlijiet ta' skavar kienu qed isiru minn terzi persuni li*

*tressqu wkoll fil-proċess penali u dana ġewwa art li kienet propjetà tal-esponenti;*

4. *Illi l-esponenti dejjem irritjena li huwa, minkejja li kien persuna midħla sewwa fix-xogħol ta' kostruzzjoni u anke magħruf bħala kuntrattur, ma' dana l-iżvilupp ma' kellu x'jaqsam xejn. Kien inkariga persuni li kien jafhom u ħalla kollox f'idejn il-Perit li kien għażel biex jissorvelja x-xogħlijiet;*

5. *Illi sfortunatament ta' min jibda biex jgħid li dan l-inċident, ossia l-fatt li fih mietu żewġ persuni, kellu effett devastanti fuq ħajjet l-esponenti. Illi wara dan l-avveniment ikrah huwa ma' baqax jaħdem u ntlaqat minn sens ta' dipressjoni kbira għaliex iddispjaċih immens minħabba dak li kien seħħ;*

6. *Illi bħala 'time line' tal-proċeduri jingħad li dawn komplew litteralment farrku lill-esponenti. L-inċident seħħ fit-3 ta' Ġunju 2004. Illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti, ossia l-Qorti tal-Maġistrati [Malta] bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħatat fil-21 ta' Ottubru 2009 u ċioe iżjed minn ħames snin wara l-inċident;*

7. *Illi l-esponenti kien misjub ħati quddiem l-Ewwel Qorti msemmija u kien ikkundannat tlitt (3) snin priġunerija effettivi. Illi huwa kien interpona appell u anke kawża kostituzzjonali għaliex ilmenta li d-disposizzjonijiet tal-'health and safety' fuq il-post tax-xogħol ma' kinux jgħoddu għalih inkwantu huwa kien biss sid l-art fejn kien qed isir ix-xogħol. Illi di fatti fil-proċess '**Paul Demicoli vs Ministru għall-Politika Soċjali et'** deċiż fis-16 ta' Jannar 2018, l-esponenti kien ingħata raġun u t-talbiet tiegħu ġew akkolti. Illi jidher hawn ukoll li dina l-kwistjoni f'rikors kostituzzjonali damet snin twal biex tiġi deċiza;*

8. *Illi wara dan il-proċess penali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) baqa' għaddej sa kemm fit-2 ta' Novembru 2022 ingħatat sentenza fejn l-esponenti intlaqa' l-appell tiegħu iżda xorta waħda ġie kkundannat sentejn (2) priġunerija effettivi;*

9. *Illi l-esponenti jressaq dawn il-proċeduri wara li ġew mitmuma l-proċeduri l-oħra kollha u għalhekk f'dana l-istadju, dina l-Onorabbli Qorti ma' għandha xejn xi jxekkilha milli tanalizza eżattament dak li seħħ f'dan il-każ;*

10. *Illi l-esponenti bid-dovut rispett iqis li huwa ta' għajb u tal-mistħija li proċess kriminali jieħu kważi tmintax [18] il-sena biex ikun deċiż u meta jkun deċiż il-Qorti kompetenti xorta waħda minkejja kollox tikkundannah piena ta' ħabs effettiv;*

11. *Illi l-esponenti jifhem li hawn si trattava ta' inċident serju, iżda dana xorta ma' jxejjen xejn mid-dritt leż lill-esponenti bl-aktar mod lampanti minħabba dewmien eżaġerat u proċeduri li ma' ġewx mitmuma fi żmien*

*raġonevoli skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

12. *Illi mhux biss, għandu jingħad ukoll li l-familjari tal-vittmi li xehdu f'dan il-proċess, iddeponew quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Inferjuri] u talbuha sabiex għal ebda raġuni ma' timponi priġunerija effettiva fuq l-esponenti fost l-oħrajn. Illi minkejja dana kollu sfortunatament b'leżjoni ta' dritt lampanti u kontra t-talba ta' minn tilef lill-qrabatu, l-Qorti xorta ddeċidiet mod ieħor;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati jew minn minhom għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ritenuta meħtieġa fiċ-ċirkostanzi ta' dana il-każ:*

a. *Tiddikjara li r-rikorrenti sofra leżjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu meta huwa kien ikkundannat għal sentejn (2) priġunerija effettivi fil-proċeduri deċiża fis-27 ta' Ottubru 2022 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Demicoli et**' u dana għaliex dawn il-proċeduri ma' ġewx deċiżi fi żmien raġonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

b. *Tordna konsegwentement, li bħala rimedju effettiv, ir-rikorrenti ma' jibqax jiskonta l-piena fuqu nflitta;*

c. *Tieħu kull provvediment ieħor li jkun opportun;*

2. Rat illi fid-29 ta' Diċembru 2017, l-intimati lkoll flimkien laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti mertu tal-kawża kostituzzjonali hi li minħabba allegat dewmien eċċessiv biex tiġi deċiża l-kawża kriminali Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs. Kevin Bonnici, Paul Demicoli u Paul Magro dan sar bi ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u konsegwentement ir-rikorrent qed jitlob ukoll li l-piena karċeraraja effettiva ta' sentejn priġunerija erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tiġi annullata u revokata.*

*Illi l-esponenti jirrespingu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi bħala fatti jiġi rilevat li fit-3 ta' Ġunju 2004 il-fond St. Catherine, fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar iġġarraf bil-konsegwenza li mietu Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb. In segwitu għall-inkjesta maġisterjali u l-investigazzjonijiet minn naħa tal-pulizija, tressqu l-Qorti Paul Demicoli, Kevin Bonnici u Paul Magro akkużati fost oħrajn bl-omiċidju involontarju tal-istess Nedezda Vavilova u Maria Dolores Zarb. Fil-21 ta' Ottubru 2009 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) sabet lil Paul Demicoli ħati tal-akkużi u ikkundannatu tliet snin priġunerija. Ir-rikorrenti appella minn din is-*

*sentenza. Fil-mori tal-appell kriminali rrikorrent fetaħ kawża kostituzzjonali fl-ismijiet Paul Demicoli vs. Ministru tal-Politika Soċjali et kawża kostituzzjonali numru 2/2010 u jirriżulta li minħabba dik il-kawża kostituzzjonali ir-rikorrenti talab lil-Qorti tal-AppeII Kriminali tissospendi il-mixi il-quddiem tal-appell u fil-fatt fl-4 ta' Frar 2010 il-Qorti tal-AppelI Kriminali laqgħat it-talba tar-rikorrenti u iddifferiet l-appell sine die. Il-procċeduri kostituzzjonali ġew deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonli fit-12 ta' Lulju 2019. Eventwalment, fis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok ikkundannat lir-rikorrent sentejn priġunerija.*

*Illi huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli huma l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti — f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

*Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzju jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

*Illi sabiex dina l-OnorabbIi Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skond il-Liġi.*

*Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li l-proċeduri kriminali in deżamina għalkemm qed jieħdu numru ta' snin biex jiġu deċiżi, dan ma kienx biss minħabba nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni iżda r-rikorrent istess ikkontribwixxa għal dan l-allegat dewmien.*

*Illi ir-rikorrent qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs li ġiet imposta fuqu leġittimament mill-Qorti tal-Appell Kriminali rigward akkużi serjissimi relatati mal-omiċidju involontarju ta' żewġ persuni. Il-piena erogata hija fil-parametri tal-liġi. Minn analiżi tas-sentenzi datati 21 ta' Ottubru 2009 u 27 ta' Ottubru 2022, kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali rispettivament għamlu analiżi legali, fattwali u ġurisprudenzjali dettaljattissima u waslu għal-konklużjoni leġittima li r-rikorrenti huwa ħati ta' ċertu akkużi u dehrilhom li piena karċerarja effettiva hija idoneja fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Huma l-Qrati penali li semgħu u għexu il-każ kriminali li kienu fl-aħjar pożizzjoni janalizzaw ad funditus il-fatti u l-provi ta' dan il-każ u għalhekk*

*m'għandhiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tbiddel jew tiddisturba ir-realta' ġuridika li stabbilew legittimament il-Qrati penali fis-sentenzi tagħhom bi ħruġ ta' interim measure.*

*Illi l-fatt li l-proċeduri kriminali ħadu ż-żmien tagħhom biex ġew deċiżi, ma jtaffi u ma jnaqqas xejn mil-ħsara irrimedjabbli u serjissima kawżata mir-rikorrenti bl-aġir tiegħu li biha mietu intortament żewġ persuni. Terġa' u tgħid, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha daħlet f'dettal ukoll dwar x'għandha tkun il-piena idoneja f'dan il-każ u qieset iċ-ċirkostanzi kollha inkluż it-trapass ta' żmien liema trapass taż-żmien ġie kkawżat direttament mir-rikorrenti meta kien hu stess li talab li l-appell kriminali imur sine die. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal fuq espost, żgur li t-talba tar-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali hija talba irraġjonevoli u bla ebda fondament legali. Ir-rikorrent ma jistgħax jippretendi li jużа dawn il-proċeduri biex jipprova jaħrab minn piena li ġiet imposta b'mod leġittimu fil-konfront tiegħu.*

*Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieħ tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irraġjonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta' kumpens bħala danni morali u mhux ta' danni materjali.*

*Illi għalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2023, ġie ordnat illi l-atti tal-proċeduri 2/2010 fl-ismijiet '**Paul Demicoli vs Ministru tal-Politika Soċjali et**' deċiżi b'mod finali fit-12 ta' Lulju 2019 kif ukoll l-atti tal-proċeduri Kriminali Nru 387/2009 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Kevin Bonnici, Paul Demicoli u Paul Magro**' deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Ottubru 2022, jiġu allegati mal-proċeduri odjerni.

## Provi

4. Rat l-affidavit ta' **Paul Demicoli** ppreżentat fl-4 ta' Mejju 2023. (fol 20)

5. Rat l-affidavit ta' **Nureyev Pace**, accountant tar-rikorrent, ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2023. (fol 29)

6. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent fit-22 ta' Ġunju 2023. (fol 30 sa 141)

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Marie Diane Mule Stagno** mogħtija in eżami u kontro eżami fit-22 ta' Ġunju 2023. (fol 142)

8. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2023, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi w il-kawża tħalliet għall-provi intimati.

9. Rat illi fit-8 ta' Awissu 2023, wara illi l-Qorti tal-Appell ħassret, dakinhar stess, id-digriet ta' sospensjoni ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-

27 ta' Ottubru 2022 li kienet ġiet akkordata minn dina l-Qorti fil-mori tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent talab sabiex jerġa', mill-ġdid, jingħata rimedju provviżorju billi jingħata l-ħelsien mill-arrest provviżorju.

10. Rat illi fid-9 ta' Awissu 2023, l-intimati rrispondew billi għarrfu lill-Qorti illi huma ma kellhomx aktar provi x'iressqu w il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

11. Rat illi b'digriet tal-11 ta' Awissu 2023, il-Qorti rrikjamat il-kawża għall-finali trattazzjoni għas-26 ta' Settembru 2023, b'dan illi r-rikorrenti kellu sal-1 ta' Settembru 2023 biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub filwaqt illi l-intimat ingħataw sat-22 ta' Settembru 2023 biex jagħmlu l-istess.

12. Rat illi fl-1 ta' Settembru 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet finali bil-miktub tar-rikorrenti. (fol 169)

13. Rat illi fl-20 ta' Settembru 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet finali bil-miktub ta' l-intimati. (fol 178)

14. Semgħet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-26 ta' Settembru 2023, wara liema data l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Bażi tal-Azzjoni

15. Jirriżulta illi l-każ odjern jinbet minn inċident traġiku illi seħħ fit-3 ta' Ġunju 2004, fejn mietu żewġ persuni, Maria Dolores Zarb u Nadezda Vazilova, u li għalih, wara li kien tressaq b'akkużi relatati ma' tali inċident traġiku fit-28 ta' Ġunju 2005, kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil- 21 ta' Ottubru 2009, u ġie kkundannat għal tlett snin ħabs, liema sentenza ġiet sussegwentement ridotta mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) għal sentejn ħabs permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022.

16. Jirriżulta wkoll illi, fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, familjari tal-vittma Maria Dolores Zarb, ossija it-tifla Marie Diane Mule Stagno, talbu lill-istess Qorti tal-Appell Kriminali sabiex ma timponix priġunerija effettiva fuq ir-rikorrent.

17. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi, in vista tat-trapass ta' madwar tmintax-il sena minn meta seħħ l-akkadut sakemm eventwalment ingħatat is-sentenza finali kif ukoll in vista tan-nuqqas tal-Qorti tal-Appell Kriminali milli tqis ir-rikjesta ta' bint il-vittma Maria Dolores Zarb biex ma jingħatax piena karċerarja, huwa sofra leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem hekk kif ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija.

18. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati jikkontendu li l-fatt li l-proċeduri kriminali ħadu ż-żmien tagħhom ma jtaffi u jnaqqas xejn mill-ħsara irrimedjabbli li kkawża r-rikorrent filwaqt illi saħqu illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza tagħha, qieset iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż it-trapass taż-żmien, meta rriduċiet il-piena inflitta minn tlett snin għal sentejn.

## Ikkunsidrat

19. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-ilment tar-rikorrent jidher li qed jimxi fuq żewġ binarji, li eventwalment, iżda jwasslu għall-ilment wieħed, ossija dak illi d-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq ġie leż.

20. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrent jilmenta mill-fatt illi l-proċeduri kriminali, mibdija fit-28 ta' Ġunju 2005, ġew eventwalment fi tmiemhom fis-27 ta' Ottubru 2022, liema dewmien huwa jiddeskrivi bħala "*ta' għajb u tal-mistħija*" fir-rikors promotur tiegħu. Huwa wkoll jilmenta mill-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tatx widen għal dak dikjarat quddiemha mit-tifla tal-vittma Maria Dolores Zarb, ossija Maria Diane Mule Stagno, meta hija talbet lill-istess Qorti tal-Appell sabiex ma tagħtix piena ta' priġunerija.

21. Din il-Qorti tqis illi għandha tikkunsidra ż-żewġt ilmenti separatament sabiex tkun tista' tasal finalment għal deċiżjoni aħħarija tagħha.

**Leżjoni kkawżati minn dewmien fil-proċeduri Ċivili u Kriminali**

22. Ma għandu jkun hemm dubju illi l-proċeduri illi nbdew fis-sena 2005, eventwalment intemmu b'sentenza ta' priġunerija fis-sena 2022, ossija tmintax-il sena wara.

23. Jirriżulta, di fatti, kif korrettement indikat mill-abbli difensuri tar-rikorrenti fis-sottomissjonijiet finali tagħhom, illi l-iter tal-proċess kollu kien kif ġej:

    1. *L-inċident in kwistjoni seħħ fit-3 ta' Ġunju 2004.*
    2. *Proċeduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrenti fit-28 ta' Ġunju 2005.*
    3. *Fit-3 ta' Mejju 2007, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li m'għandhiex iktar provi.*
    4. *Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Ottubru 2009.*
    5. *Appell Kriminali preżentat mir-rikorrenti fit-30 ta' Ottubru 2009 u appuntat għas-7 ta' Jannar 2010.*
    6. *Proċeduri sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-esponenti preżentati minnu fl-4 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet Paul Demicoli vs. Ministru Politika Soċjali, Segretarju Permanenti Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Avukat Ġenerali (Ċit. Nru. 2/2010 (JRM)).*
    7. *Fl-4 ta' Frar 2010 il-Qorti Kriminali tal-Appell laqgħet it-talba tal-esponenti sabiex l-appell jiġi differit sine die.*
    8. *Fis-26 ta' Marzu 2010 ingħatat sentenza dwar il-kontumaċja ta' l-intimati fil-kawża Ċit. Nru. 2/2010 (JRM) fl-ismijiet premessi.*
    9. *Kawża Ċit. Nru. 2/2010 (JRM) appuntata għas-smigħ għall-20 ta' Mejju 2010.*
    10. *Kawża Ċit. Nru. 2/2010 (JRM) differita għas-sentenza fit-22 ta' Frar 2011.*
    11. *Kawża Ċit. Nru. 2/2010 (JRM) deċiża fis-16 ta' Jannar 2018.*

12. *Appell preżentat fit-30 ta' Jannar 2018 mill-intimati wara s-sentenza mogħtija fil-kawża Ċit. Nru. 2/2010 (JRM) u appell deċiż fit-12 ta' Lulju 2019 mill-Qorti tal-Appell.*
13. *Appell Kriminali ri-appuntat għas-smigħ fis-17 ta' Marzu tas-sena 2020.*
14. *Deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022.*

**Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

24. Jirriżulta illi, għalkemm ir-rikorrenti indika l-iter proċesswali kif hawn fuq indikat, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sa Mejju tas-sena 2009, kienu għadu qed isir il-kontro eżami ta' xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni filwaqt illi s-sentenza definittiva ingħatat fil-21 ta' Ottubru 2009 – hawnhekk ċertament ma jistax jiġi attribwit xi tip ta' dilungar minn ebda entita' jew parti, u ċertament, ikkunsidrat il-kumplessita' w il-gravita' tan-natura tal-akkużi w tal-każ, jidher ċar illi, fejn tirrigwarda tali stadju tal-proċess, ir-rikorrent ma jista' b'ebda mod jilmenta minn xi ksur tad-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq abbażi ta' dewmien, peress illi sentenza ingħatat ftit xhur wara illi l-proċess tal-ġbir tal-provi u kontro eżamijiet ingħalaq.

25. Jirriżulta illi, sussegwentement, wara li ngħatat sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Ottubru 2009, ir-rikorrent, kif kellu kull dritt illi jagħmel, intavola appell quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-30 ta' Ottubru 2009, liema appell ġie appuntat għas-smiegħ għas-7 ta' Jannar 2010 – għal darba oħra, il-Qorti tosserva illi hawnhekk ir-rikorrent ċertament ma jistax jilmenta minn xi dewmien w għalhekk xi ksur ta' xi dritt fundamentali tiegħu.

26. Jirriżulta illi fuq talba tar-rikorrent stess, fl-4 ta' Frar 2010, il-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali ġew differiti *sine die,* u dan sakemm ilment dwar illegalita' ta' emenda li saret permezz ta' Avviż Legali 281 tas-sena 2004, li seta' kellha effett fuq il-ġudikat kriminali, seta' jiġi deċiż.

**Proċeduri Ċivili**

27. Jirriżulta, li fl-<u>4 ta' Jannar 2010</u>, ir-rikorrent nieda proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Rikors Ġuramentat 2/2010 fl-ismijiet '**Paul Demicoli kontra l-Ministru għal Politika Soċjali, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Avukat Ġenerali**' sabiex jiġi dikjarat li, għal dak li jirrigwarda bżonnijiet minimi ta' saħħa u sigurta' tax-xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni, fejn permezz ta' Avviż Legali 281 tas-sena 2004, "*sid ta' art*" ġie meqjus ukoll bħala "*klijent*" għal fini tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta, dana kien ultra vires peress li dana ma setax isir permezz ta' Avviż Legali stante illi tali estenzjoni ta' responsabbiltajiet setgħet issir biss permezz ta' emenda fl-Att Prinċipali tramite leġislazzjoni appożita ppreżentata quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti, u mhux permezz ta' Avviż Legali, kif kien attwalment sar permezz tal-Avviż Legali 2018 tas-sena 2004.

28. Jirriżulta illi, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-<u>16 ta' Jannar 2018</u>, it-talba tar-rikorrent ġiet milqugħa u ġie dikjarat is-segwenti:

*tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li, fil-ħruġ tal-leġislazzjoni sussidjarja magħmula fl-Avviż Legali numru 281/04, il-ministru mħarrek mar lil hinn mis-setgħat mogħtijin mill-Att prinċipali meta fit-tifsira tal-kelma 'klijent' iddaħħal ukoll min ikun sid tal-post fejn ikunu qegħdin isiru xogħlijiet ta' bini u kull fejn, fl-imsemmija Regolamenti, hemm dispożizzjonijiet li jitfgħu responsabbiltà fuq sidien ta' postijiet bħal dawk għall-finijiet tal-istess Regolamenti;*

*tilqa' t-tieni talba attriċi u ssib li, safejn l-imsemmija dispożizzjonijiet u r-Regolamenti jirreferu għall-imsemmi prinċipju ta' responsabbiltà, dawk ir-Regolamenti huma bla ebda siwi u effett dwar sidien ta' postijiet fejn ikun qegħdin isiru xogħolijiet;*

29. Jirriżulta illi l-Ministru għal Politika Soċjali, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Avukat Ġenerali intavolaw appell minn tali deċiżjoni fit-30 ta' Jannar 2018, liema appell ġie konkluż u deċiż b'mod finali fit-12 ta' Lulju 2019, fejn id-deċiżjoni a favur tar-rikorrenti ġiet kkonfermata w il-Qorti tal-Appell żiedet tgħid hekk:

    *Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha fejn laqgħet it-talbiet tal-attur iżda żżid tippreċiża illi d-disposizzjoniijet impunjati tar-Regolamenti ma jolqtux sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, meta dawk id-difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew setgħu jkunu magħrufa.*

30. Jirriżulta li tali proċess ġudizzjarju quddiem il-Qrati Ċivili, għalkemm ta raġun lir-rikorrent fejn huwa ilmenta li ma setgħux ikunu applikabbli għalih ir-regoli ta' saħħa u sigurta' bħala sid tal-propjeta', dam għaddej għal aktar minn disgħa snin u nofs komplessivament, u huwa opportun illi dina l-Qorti tevalwa l-*iter* tal-każ sabiex jiġi kkunsidrat jekk tali dewmien kienx wieħed ġustifikat jew le.

31. Jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi minn natura tal-każ, ossija dik illi tiġi kkontestata legalita' ta' Avviż Legali jew le, kif ukoll min-numru tal-partijiet fil-każ, ossija l-Ministru tal-Politika Soċjali w is-Segretarju Permanenti tiegħu flimkien mal-Avukat Ġenerali, ċertament tali kawża ma tistax titqies bħala waħda sempliċi w ċertament kienet waħda li setgħet titqies bħala '*komplessa*' u li timmerita ż-żmien tagħha sabiex il-provi jitressqu w jsiru s-sottomissjonijiet opportuni, bil-għan illi jiġi stabbilit jekk liġi ġietx introdotta b'mod illegali jew le mill-awtoritajiet kompetenti.

32. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi jkun opportun li jiġi riprodott dak rilevat fil-***Guide on Article of the European Convention on Human Rights*** pubblikat mill-istess Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Frar 2023, fejn dwar komplessita' tal-każ, kellha dan xi tgħid:

    ***i. Complexity of the case***

    *502. The complexity of a case may relate both to the facts and to the law (Papachelas v. Greece [GC], 1999, § 39; Katte Klitsche de la Grange v. Italy, 1994, § 55). It may relate,*

*for instance, to the involvement of several parties in the case (H. v. the United Kingdom, 1987, § 72) or to the various items of evidence that have to be obtained (Humen v. Poland [GC], 1999, § 63). A case may be legally complex because of the scarcity of precedents at national level, or the need to seek a ruling from the CJEU on questions relating to the interpretation of European law (Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], 2017, § 212).*

*503. In Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], 2019, proceedings involving a civil-party claim were of "considerable factual complexity", which had increased because of the many expert reports required (§ 210) – with regard to expert reports, compare with Q and R v. Slovenia, § 79, 2022.*

*504. The complexity of the domestic proceedings may explain their length (Tierce v. San Marino, 2003, § 31). However, while acknowledging the complexity of insolvency proceedings, the Court has found that a duration of approximately twenty-five years and six months did not satisfy the "reasonable time" requirement (Cipolletta v. Italy, 2018, § 44).*

*505. Even if the case in itself is not a particularly complex one, the lack of clarity and foreseeability in the domestic law may also render its examination difficult and contribute decisively to extending the length of the proceedings (Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], 2016, § 150).*

33. Fil-każ quddiem l-Ewwel Qorti, ossija il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, jidher illi l-kawża ġiet intavolata fl-4 ta' Jannar 2010 u wara ħames (5) seduti, li tlieta minnhom kienu differiti mill-Qorti sabiex jingħata digriet kamerali, fit-12 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrent kien iddikjara li ressaq il-provi kollha tiegħu (fol 126 tal-proċess 2/2010). Jirriżulta wkoll illi, fis-seduta ta' wara, ossija 2 ta' Diċembru 2010, l-intimati ddikjaraw li ma kellhomx provi. Jirriżulta finalment, illi dakinhar stess, ossija 2 ta' Diċembru 2010, il-każ ġie trattat oralment mill-konsulenti legali tal-partijiet u l-kawża tħalliet għas-sentenza (fol 127 tal-proċess 2/2010).

34. Jirriżulta illi, wara li l-kawża ġiet differita għal sebgħa u għoxrin (27) darba għas-sentenza fuq medda ta' ftit aktar minn sebgħa (7) snin, fis-16 ta' Jannar 2018 ingħatat is-sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

35. Hawnhekk, dina l-Qorti ftit li xejn tista' tgħid ħlief illi tirrikonoxxi illi kien hemm dewmien żejjed u bla proporzjon fl-għoti tas-sentenza finali da' parte ta' l-Ewwel Qorti.

36. Il-Qorti tifhem illi Ġudikant jista' jkollu pressjoni kbira ta' xogħol, dettata kemm mill-volum kbir tal-kawżi illi jkun qiegħed jirrinfaċċja kif ukoll minħabba fin-natura komplessiva tal-każi illi wieħed jista' jkun qiegħed jisma', u tifhem ukoll illi l-istess Ġudikant jaf ikollu bżonn iż-żmien adegwat sabiex jagħrbel u jifli sew il-każ qabel ma jippronunzja ruħu – madakollu, ċertament ma huwiex f'loku li tali trapass ta' żmien jieħu madwar sebgħa snin mingħajr ma jsir assolutament xejn għajr għal sebgħa u għoxrin differiment. Tali trapass ta' żmien, fejn kawża tkun virtwalment fi stat wieqaf, tistenna d-deċiżjoni finali tal-Qorti, ċertament ġiet dejjem meqjusa, mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, bħala dewmien illi jilledi d-drittijiet ta' min qiegħed jistenna l-eżitu tal-kawża.

37. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak dikjarat mill-Qorti Ewropeja fil-kawża **Rutkowski and others vs Poland** deċiża fis-7 ta' Lulju 2015, fejn, meta ġiet biex tqis ilment ta' dewmien, għamlet is-segwenti osservazzjoni preliminari:

> ***A. General principles deriving from the Court's case-law***
>
> *126. The "reasonable time" guarantee of Article 6 § 1 serves to ensure public trust in the administration of justice. The other purpose of the guarantee is to protect all parties to court proceedings against excessive procedural delays; in criminal matters, especially, it is designed to avoid leaving a person charged with a criminal offence in a state of uncertainty about his or her fate too long. It underlines the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility (see, among other examples, Finger v. Bulgaria, no. 37346/05, § 93, 10 May 2011, with further references to the Court's case-law, in particular to Bottazzi v. Italy [GC], no. 34884/97, § 22, ECHR 1999-V; and Scordino (no. 1), cited above, § 224).*
>
> *127. The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the particular circumstances of the case and having regard to the criteria laid down in the Court's case-law, in particular the complexity of the case and the conduct of the applicant and of the relevant authorities. On the latter point, what is at stake for the applicant has also to be taken into account (see Kudła v. Poland [GC], no. 30210/96, § 124 ECHR 2000XI).*
>
> *128. Article 6 § 1 of the Convention imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet each of the requirements of this provision, including the obligation to hear cases within a reasonable time (see, among many other authorities, Bottazzi, § 22, and Scordino (no. 1), § 183, both cited above).*
>
> *States are responsible for delays attributable to the conduct of their judicial or other authorities. They are also responsible for delays in the presentation of the reports and opinions of courtappointed experts. A State may be found liable not only for delay in the handling of a particular case, but also for failure to increase resources in response to a backlog of cases, or for structural deficiencies in its judicial system that cause delays. Tackling the problem of unreasonable delay in judicial proceedings may thus require the State to take a range of legislative, organisational budgetary and other measures (see Finger, cited above, § 95, with further references).*

38. Fil-każ odjern, jidher ċar illi, fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Qorti Ċivili, kien hemm dewmien sproporzjonat fejn kawża baqgħet wieqfa għal sebgħa snin sħaħ, u dana ma jistax ħlief jitqies bħala illi jivvjola d-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq u fi żmien raġjonevoli, skond kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

39. Mill-banda l-oħra, għal dak illi jirrigwarda l-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Superjuri, jirriżulta illi l-intimati, kif kellhom kull dritt illi jagħmlu, appellaw minn tali deċiżjoni fit-30 ta' Jannar 2018, li għalihom irrisponda r-rikorrent fid-19 ta' Diċembru 2018 hekk kif ġie notifikat bl-affissjoni fis-7 ta' Diċembru 2018. Jirriżulta illi fid-9 ta' Jannar 2019, il-partijiet ippreżentaw nota a tenur tal-Artikolu 207 tal-Kap 12, kif applikabbli dak iż-żmien, fejn għarrfu lill-Qorti tal-Appell illi l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza, liema nota ġiet irreġistrata mill-Qorti tal-Appell fis-seduta iffissata, ossija fl-10 ta' Ġunju 2019. Eventwalment, fit-12 ta' Lulju 2019, ingħatat id-deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell.

40. Mingħajr ebda dubju, il-Qorti hawnhekk tirrileva illi l-Qorti tal-Appell mexxiet b'mod effiċjenti u effettiv, u ċertament ma tistax taħti għal ebda dewmien.

**Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)**

41. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, fil-para 26, fl-4 ta' Frar 2010, wara talba illi kienet saret mir-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet laqgħet it-talba sabiex tiddifferixxi l-kawża '*sine die*' sakemm il-kwistjoni dwar l-applikabbilita' o meno tar-regolament tas-saħħa u sigurta' tax-xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni jolqtux lir-rikorrent bħala sid tal-proprjeta'.

42. Kif osservat ukoll aktar 'il fuq, deċiżjoni finali ngħatat fit-12 ta' Lulju 2019 mill-Qorti tal-Appell.

43. Jirriżulta illi kien biss fuq talba tal-Avukat Ġenerali illi saret fl-24 ta' Frar 2020, li l-kawża reġgħet ġiet riappuntata għas-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).

44. Jirriżulta li, sussegwentement, saru sebgħa seduti, bejn is-17 ta' Marzu 2020 u t-23 ta' Frar 2021, karatterizzati minn differimenti jew minħabba fil-pandemija Covid-19 jew inkella minn talbiet tal-partijiet, u sussegwentement, fit-23 ta' Frar 2021, meta l-kawża kienet skedata għat-trattazzjoni, id-difiża tar-rikorrent talbet illi tixhed Marie Diane Mule Stagno, fejn dakinhar hija xehdet. Sussegwentement, saret it-trattazzjoni finali tal-partijiet fl-20 ta' April 2021, il-partijiet ttrattaw il-każ u dana ġie differit għas-sentenza, liema sentenza eventwalment ingħatat fis-27 ta' Ottubru 2022, wara erbgħa differimenti.

45. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi jidher ċar li l-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien inizjalment ġie sospiż mir-rikorrent stess, li sussegwentement naqas milli jgħarraf lill-Qorti tal-Appell Kriminali illi l-vertenza ċivili kienet ġiet deċiża a favur tiegħu, u kien biss fuq talba tal-Avukat Ġenerali illi l-proċeduri kriminali reġgħu inbdew.

46. Il-Qorti tosserva wkoll illi, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li ġiet riappuntata, il-proċeduri twalu riżultat ta' emerġenzi mediċi jew inkella talbiet tal-konsulenti legali tar-rikorrent, u kien biss fl-20 ta' April 2021 illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

47. Il-Qorti tosserva finalment dwar iz-zmien għas-sentenza fejn tirreferi għall-osservazzjonijiet ġia indikati minn dina l-Qorti fil-paragrafu 36 aktar 'il fuq – tosserva wkoll li, fil-każ tal-Qorti tal-Appell Kriminali, sentenza finali ingħatat wara tmintax-il

xahar, liema żmien, għalkemm jista' jinftiehem bħala wieħed ta' dewmien, ċertament għandu jiġi kkunsidrat bħala wieħed plawsibbli fir-realta' tal-volum kbir tax-xogħol u, aktar u aktar, in-natura w il-gravita' tal-każ tar-rikorrent kif ukoll l-iżvilupp ċertament bla preċedent illi kien hemm bix-xhieda ta' Marie Diane Mule Stagno, illi ċertament kellha effett fil-proċess kriminali kollu, u dana kif ser jintwera aktar 'il quddiem.

48. Għalhekk, ċertament ma jistax jingħad illi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mxew b'mod illi l-kunċett ta' ż-żmien raġjonevoli fi proċeduri ġudizzjarji ma ġiex rispettat.

49. Dana, madanakollu, ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-proċess sħiħ ħa aktar minn tmintax-il sena sabiex jingħalaq.

**Leżjoni għax il-Qorti tal-Appell Kriminali ma mxietx ma' dak lilha indikat mill-qraba tal-vittma – Marie Diane Mule Stagno**

50. Jirriżulta illi, fil-korp tar-rikors promotur tar-rikorrenti, apparti milli jilmenta mill-fatt ta' dewmien fil-proċess kollu, liema lment ġia ġie kkunsidrat fid-dettall aktar 'il fuq, r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt illi, minkejja li t-tifla ta' waħda miż-żewġ vittmi tal-akkadut, ossija Marie Diane Mule Stagno, kienet dehret fil-Qorti tal-Appell Kriminali u, b'mod straordinarju u mhux in linea mar-regoli tal-proċeduri, tħalliet tixhed u titlob lill-Qorti sabiex l-Qorti ma timponiex priġunerija effettiva fuq l-esponent, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fi kliem ir-rikorrent stess, "*minkejja dana kollu sfortunatament b'leżjoni ta' dritt lampanti u kontra t-talba ta' minn tilef lill-qrabatu, l-Qorti xorta ddeċidiet mod ieħor*."

51. Ir-rikorrent reġa', għal darba oħra, ressaq lil Marie Diane Mule Stagno, din id-darba quddiem dina l-Qorti kif ippresjeduta, fejn xehdet dwar it-tbatija kbira illi l-akkadut ġab fuq il-familja tagħha w wkoll illi t-trapass ta' żmien twil ġab tbatija psikoloġika u emozzjonali kbira fuqha, fejn wasslitha "*nikkonvinċi lili nniffsi illi l-maħfra is the best way*".

52. Fix-xhieda tagħha, Marie Diane Mule Stagno, illi għaddiet mit-traġedja li tilfet lill-ommha f'inċident traġiku kkawżat minn xogħolijiet li kien qiegħed jagħmel ir-rikorrent, kellha dan xi tgħid dwar sentenza ta' ħabs:

> *Għaliex naħseb illi l-ħabs huwa sitwazzjoni fejn int maqtugħ minn kulħadd, tħossok waħdek, tħossok illi s-soċjetà hija kontra tiegħek, u rightly so. I mean meta ssir xi ħaġa ... crime fl-aħħar mill-aħħar is-soċjetà tiġi affettwata. Pero nerġa' mmur lura għall-kompassjoni illi nemmen ħafna fil-kompassjoni ... għaliex nemmen illi persuna tista' tinbidel meta tiġi murija ftit kompassjoni. Il-mummy mhux se tiġi lura ... I mean ħabs jew mhux ħabs la l-mummy u lanqas Nadia l-istudenta li kienet magħha ma huma se jiġu lura. Pero ma nixtieqx li ħaddieħor ikompli jbati jew ibati.*

53. Il-Qorti tifhem illi tali xhieda ingħatat wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, liema Qorti qiegħda tiġi "akkużata" mir-rikorrent, illi lediet id-drittijiet tiegħu talli ma semgħetx minn dak illi qaltilha s-sinjura Mule Stagno.

54. Il-Qorti tħoss illi, f'dana l-istadju, ikun opportun illi jiġi riprodott il-ħsieb u raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, sabiex jingħata sfond għal dak illi qiegħed jalludi r-rikorrent.

> *136. Fil-każ in diżamina l-eżerċizzju ta' reviżjoni li għandu jsir irid imur oltre minn sempliċi kalkolu matematiku sabiex jiġu stabbiliti l-parametri tal-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tal-appellant DEMICOLI. Issa, mill-fedina penali tal-appellant, ma jirriżultax li fi tnax-il sena reġa' xellef difrejh mal-ġustizzja. In oltre, din il-Qorti tqis ukoll li hawnhekk si tratta ta' kawża li ilha għaddejja għal tnax-il sena u dan għaliex mhux biss kien hemm numru ta' xhieda x'jinstemgħu iżda anki għaliex oltre għal xi żewġ episodji ta' dewmien minn naħa tal-Prosekuzzjoni u xi safriet li ġew awtorizzati jmorru l-imputati, fl-4 ta' Frar 2010 ġiet istitwita kawża mill-appellant stess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell Kriminali, fuq talba ta' Paul Demicoli stess tefgħet il-kawża 'sine die'. Minn din id-deċiżjoni kien sar ukoll appell liema appell ġie deċiż fis-sena 2018.*
>
> *137. Issa l-prinċipju regolatur għal dak li jirrigwarda tnaqqis fil-piena minħabba t-trapass taż-żmien, huwa dak li minkejja li t-trapass taż-żmien ma jfissirx awtomatikament temperament fil-piena, jista' f'ċertu każijiet jikkomporta dan. F'dan ir-rigward, din il-Qorti qiegħda tagħmel referenza għas-sentenza Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia, John Bugeja, Loreto Bonello u Omissis deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2002:*
>
>> *Issa apparti li kif ġje spjegat aktar 'il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uħud minnhom kienu huma stess il-kaġun ta' parti miż-żmien li fih twal il-proċess, il-fattur tat-trapass taż-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-ħati (ara Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard (24.7.2000) u r-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)*
>>
>> *Jista' pero' f'xi każi jiġi konsidrat għall-fini tal-piena kif ġie ritenut fil-każijiet appena ċitati u kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001) għalkemm f'din l-aħħar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss għal dik tat-trapass taż-żmien imma kienu wkoll bażati fuq motivazzjoni oħra.*
>>
>> *Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taż-żmien jista' jaġevola lill-persuna akkużata għall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iż-żmien hu jkun żamm lura mill-ksur serju tal-liġijiet u wera ċertu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun inġustizzja li xi ħadd jibbenefika minn tul ta' żmien żejjed fil-proċess speċjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kaġunat jew provokat minnu stess - kif ġara f'dan il-każ u dana a skapitu ta' dawk l-akkużati li l-proċess tagħhom jinqata' aktar malajr għal raġuni jew għal oħra.*
>
> *138. Illi fattur ieħor li din il-Qorti jeħtieġ li tikkunsidra fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena hija x-xhieda li ngħatat minn bint waħda mill-vittmi Marie Diane Mule Stagno f'paġna 955 tal-atti proċesswali. Id-deċiżjoni dwar il-piena hija responsabbilita tal-Qorti. Dan ma jfissirx li l-Qorti m'għandhiex, jekk tkun tal-fehma li hekk għandu jsir, tivvaluta ċirkostanzi li jimmiltaw favur temperament fil-piena. Anzi, ikun ġust li dan iseħħ f'kawżi bħal din fejn mill-mument li tkun ġiet imposta l-piena oriġinali għall-istadju tas-sentenza definittiva jkun għadda ż-żmien u jaf ikun hemm ċirkostanzi bħalma huma r-riforma tal-appellant, il-ħlas ta' xi danni subiti, il-maħfra ta'*

*xi vittmi, li jistgħu jkunu ta' rilevanza fl-eżerċizzju ta' reviżjoni li tiġi msejħa tagħmel il-Qorti tal-Appell in meritu għall-piena.*

*139. Marie Diane Mule Stagno xehdet kif lil DEMICOLI u lil Bonnici ħafritilhom u ma xtaqitx li jsofru piena karċerarja iżda li hi tħoss li community service order tkun iktar idonea sabiex is-soċjeta' tieħu lura xi ħaġa minn din il-ġrajja. Is-sanzjoni ta' ordni ta' servizz fil-kommunita' regolata bl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta taqa' fil-parametri tal-Liġi għaliex il-piena massima għar-reati li tagħhom jinsab mixli l-appellant DEMICOLI ma jeċċedux is-seba' snin priġunerija. Biss, din il-Qorti ma tistax teroga din il-forma ta' piena in kwantu fl-istadju opportun ma kienx sar stħarriġ f'dan is-sens skont l-artikolu 11(3)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*140. Iżda apparti minn hekk, f'dan il-każ, il-grad ta' responsabbilita tal-appellant DEMICOLI ma kinetx tali li tippermetti lil din il-Qorti li tapplika dik il-miżura fil-konfront tiegħu. Dan kien każ traġiku fejn żewġ persuni sfaw maqtula f'darhom stess kwindi fil-post fejn il-bniedem għandu dritt sagrosant li jħossu l-iktar sikur. Iżda b'mod partikolari trattasi ta' każ fejn l-appellant DEMICOLI kien qiegħed iwettaq attivita' li biha seta' jipprevedi l-event dannuż. Huwa minnu li huwa ma kienx il-perit li kien qiegħed inkarigat mit-tmexxija tal-proġett iżda kien hu u ħadd iktar li ħa d-deċiżjoni li jsir trimmjar tas-suletta tal-konkos tal-pedament tal-binja adjaċenti u l-iskavar taħt il-blokka u dan meta kien jaf li l-istat tal-pedament sottostanti kien dubjuż. U kien hu li ta l-ordni biex dak ix-xogħol isir. Din il-Qorti jiddispjaċiha tosserva kif l-attitudni tal-appellant kienet waħda manifestament negliġenti - rażenti d-doluż - fejn baqa' għaddej bix-xogħol li kellu f'moħħu li jwettaq mingħajr ma waqaf jaħseb ftit fuq il-konsegwenzi faċilment prevedibbli ta' dak li ta struzzjonijiet sabiex jitwettaq. Għalkemm huwa prova jitfa' r-responsabilita fuq il-bennejja, fuq ħaddiema oħra u l-perit, il-provi sodi wrew li kien hu stess li qabbad lil Kevin Bonnici biex jagħmel dan ix-xogħol li wassal biex krollat il-binja de quo.*

*141. Illi dak li xehdet il-vittma huwa ammirevoli meta talbet illi jiġu maħfura DEMICOLI u Bonnici; biss id-deċiżjoni tal-Qorti, filwaqt li trid tieħu kont u qies tal-animu nobbli ta' din il-vittma f'dan il-każ, ma kellhiex ukoll l-istess riskontru mill-vittmi l-oħra li kienu affettwati b'dan l-inċident.* ***Il-Qorti, filwaqt li tagħti widen lix-xewqat ta' din il-vittma, għandha wkoll tirrifletti bilanċ bejn l-interessi tal-parte civile u tal-ġudikabbli u tal-interessi tas-soċjeta' b'mod ġenerali. Huwa minnu wkoll li l-ħajjiet mitlufa m'humiex ser jitreġġgħu lura, iżda mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tgħid li b'daqshekk kollox għandu jkun maħfur u minsi.*** *Mistqarr dan għalkemm il-kwalita' tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet dik indikata u ma kinetx żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva,* ***<u>pero' din il-Qorti tqis li t-talba tal-vittma Mule Stagno għandha tiġi riflessa wkoll f'temperament fil-kwantum tal-piena imposta biex tirrifletti kemm il-grad ta' responsabbilita u kulpabilita tal-appellant DEMICOLI fuq naħa kif ukoll ir-raġunijiet mitiganti msemmija qabel, fuq in-naħa l-oħra.</u>*** *(emfażi u sottolinjar ta' dina l-Qorti).*

> *142. L-appellant DEMICOLI, kuntrattur esperjenzat kif kien, ried joqgħod iżjed attent kif jaħdem, x-xogħolijiet jordna u x'modalitajiet jippreferiġġi li jsiru fuq sit ta' kostruzzjoni. Din il-Qorti tista' tifhem li kuntrattur (li anke minħabba raġunijiet ta' natura ta' żmien u oħrajn ta' natura finanzjarja) jista' jkun marsus bil-ħin u jkun irid li jwettaq il-proġetti edilizji tiegħu fl-iqsar ħin u bl-inqas spejjeż possibbli. Iżda dan ma jista' qatt isir a skapitu tas-saħħa u s-sigurta tiegħu innifsu; tal-impjegati jew ħaddiema li jkollu miegħu; u aktar u aktar għal dawk il-persuni innoċenti li jkunu affettwati minn dawk ix-xogħolijiet minħabba li djarhom ikunu parti mill-proġett jew ġirien miegħu jew ta' dawk li jkunu nzertaw għaddejjin mill-akkwati meta jseħħ inċident.*
>
> *143. L-iżvilupp fil-qasam tal-kostruzzjoni huwa importanti għax huwa mutur ekonomiku ta' kull pajjiż. Iżda dan il-qasam irid iħares l-interessi finanzjarji tiegħu b'mod li ma jkunx a skapitu tal-ħarsien ta' saħħet in-nies u tal-ħaddiema f'dan il-qasam, liema ħajjiet jibqgħu dejjem iżjed importanti minn kull prospett ta' żvilupp ekonomiku jew qliegħ finanzjarju – irrispettivament minn liema settur ekonomiku wieħed ikun qed jitkellem dwaru.*
>
> *144. F'dan il-każ is-saħħa u s-sigurta' tal-kuntrattur innifsu, tal-ħaddiema li kellu miegħu u ta' terzi persuni ġew imqegħda f'perikolu b'dak ix-xogħol u bil-modalita speċifika li l-appellant DEMICOLI ordna li jsir dakinhar tal-inċident. Il-ħajja ta' żewġ persuni innoċenti u inermi ġew maħsuda bħala konsegwenza ta' dan.*

55. Mill-qari ta' dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, partikolarment dak indikat fil-paragrafu 141 fuq riprodott, jidher ċar illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, il-Qorti semgħet u fehmet il-karba ta' uġigħ u kompassjoni ta' Marie Diane Mule Stago u qiesetu fil-konfront tal-piena filwaqt illi assikurat ukoll illi l-interessi tas-soċjeta' in ġenerali ġew rispettati wkoll – fatt li mhux neċessarjament huwa aċċettat mir-rikorrent, tant illi nieda l-proċeduri odjerni.

56. Jidher ċar, mill-ħsieb u deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, illi fejn ir-rikorrent kien originalment ingħata piena karcerjarja ta' tlett snin effettivi, wara ix-xhieda ta' Marie Diane Mule Stagno u wara li qieset it-trapass tas-snin, il-Qorti rriduċiet tali piena karċerarja għal sentejn ħabs effettiv, u dana wara illi qieset ukoll il-gravita' tal-akkadut, fejn ir-rikorrent, bħala kuntrattur fuq il-lant tax-xogħol, ikkawża inċident li wassal għall-kollass ta' bini fejn persuni innoċenti li kienu qegħdin jirrisjedu ġewwa residenza tagħhom sfaw maqtula hekk kif il-bini ikkollassa.

57. Il-Qorti tifhem illi r-rikorrent ippretenda illi, ladarba għaddew tmintax-il sena u la darba t-tifla ta' waħda mill-mejta, Marie Diane Mule Stagno, li magħha huwa kien ukoll ttransiġa l-kwistjoni ċivili, xehdet li huwa ma kellux jintbagħat il-ħabs, ir-rikorrent stenna li ma jintbagħatx il-ħabs.

58. Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tagħmilha ċara illi ma għandha ebda dubju illi Marie Diane Mule Stagno marret tixhed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, di *sua sponte*, ma għandha ebda dubju wkoll li r-rikorrent ma talabhiex sabiex titla' tixhed hija stess, u ma għandha ebda dubju wkoll mill-onesta u ġenwinita' ta' dak dikjarat mill-istess Marie Diane Mule Stagno fejn jirrigwarda maħfra u kompassjoni. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tqisx dikjarazzjoni illi l-istess Marie Diane Mule Stagno għamlet, f'kitba

tagħha stess, fuq gazzetta lokali, f'artikolu intitolat "**I chose forgiveness**" li deher fid-9 ta' Novembru 2022, ftit ġimgħat wara s-sentenza finali, eżebit a fol 137 sa 139 tal-proċess, fejn filwaqt illi esponiet il-ħsibijiet tagħha dwar il-maħfra, kellha dan xi tgħid fl-aħħar:

> "Finally, justice has been made with my mother and her student. I thank all those who travelled this heart-breaking and endless journey with us during these 18 years and five months for their support and prayers"

59. Il-Qorti tifhem li t-tbagħtija kkawżata fuq il-partijiet kollha, kemm ir-rikorrent kif ukoll il-qraba tal-vittmi, fosthom Marie Diane Mule Stagno, kienu kkawżati mid-dewmien esaġerat tal-proċeduri kriminali, liema dewmien ċertament seta' ġie evitat. Madanakollu, tali dewmien ma jfissirx illi persuna, li għandu jintbagħat il-ħabs għall-reat minnu kommess, jispiċċa jiġi liberat daqs li kieku ma ġara xejn, aktar u aktar meta il-Qrati kienu preklużi milli jagħtu s-sentenza preferita mill-qraba tal-vittmi, ossija dik ta' '*community service*', u dana riżultat ta' nuqqas ta' parte tar-rikorrent, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn huwa naqas milli jitlob illi jingħata l-fakolta' li jibbenefika minn tali piena, jekk applikabbli għalih.

60. Din il-Qorti tifhem illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fehmet il-gravita' tal-każ u tal-akkadut kif ukoll fehmet il-karba tal-qraba tal-vittmi, u ħadet ħsieb li, filwaqt illi tqis dak lilha miltub minn min kien imweġġa', tassikura illi l-interessi supremi tas-soċjeta' in ġenerali jiġu rispettati – ossija illi l-liġi tiġi rispettata minn kullħadd u ssir ħaqq minn min ma jirrispettax tali liġijiet b'mod ġust u ekwu.

61. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi, fejn jirrigwarda id-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022, ebda dritt pretiż mir-rikorrent ma ġie leż, għajr għal dak ġia indikat, ossija ta' dewmien fil-proċess, liema responsabblita' ma' tistax tiġi attribwita, iżda, lill-Qorti tal-Appell Kriminali, iżda tistrieħ unikament fuq id-dewmien kkawżat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

**Rimedji għal-leżjoni**

62. Kif ġia osservat il-Qorti aktar 'il fuq, jirriżulta ċar illi l-proċess kriminali kollu ħa aktar minn tmintax-il (18) sena sabiex jiġi konkluż, liema perjodu ċertament ma jistax jitqies bħala wieħed aċċettabbli.

63. Jiġi osservat wkoll illi, dawn it-tmintax-il sena ġew ikkaratterizzati minn għaxar snin ta' stennija mill-Qorti tal-Appell Kriminali - bejn l-4 ta' Frar 2010 u l-24 ta' Frar 2020 - fejn ir-rikorrent kien qiegħed jikkontesta l-legalita' ta Avviż Legali 281 tas-sena 2004, li huwa kkontenda kellha effett fil-każ kriminali kontra tiegħu, peress illi huwa kien instab ħati "*bħala sid tal-propjeta*" talli naqas milli jħares ir-regolamenti tas-sigurta' u saħħa fuq il-post tax-xogħol.

64. Jiġi osservat wkoll illi dawna l-għaxar snin ta' stennija kienu wkoll ikkaratterizzati minn sebgħa (7) snin ta' waqfien assolut, fejn il-partijiet kollha kienu qed jistennew illi tingħatalhom sentenza definittiva mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

65. Jidher illi r-rikorrent eventwalment ingħata raġun u ġie dikjarat illi l-leġislatur kien żbalja meta estenda l-obbligi ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol imposti fuq kuntratturi anke fuq sidien ta' propjeta'.

66. Jirriżulta, madanakollu, illi minkejja dina l-battalja kollha mressqa mir-rikorrent u li damet għaddejja għaxar snin, huwa xorta waħda eventwalment instab ħati, fost affarijiet oħra, illi kiser ir-regolamenti tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol, u dana, iżda, bħala kuntrattur u mhux bħala sid, u dana peress illi, sa mill-bidu nett tal-proċeduri kriminali, huwa kien qiegħed jiġi hekk akkużat, kemm bħala sid tal-propjeta' kif ukoll bħala kuntrattur.

67. Il-Qorti tqis illi għandha tagħmel tali osservazzjoni, kemm in vista tat-tieni talba tar-rikorrent, kif ukoll in vista tal-ġurisprudenza ippreżentata mill-abbli difensuri tar-rikorrent, ossija '*John Saliba vs Avukat Ġenerali et*' deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Lulju 1998, fejn, fost affarijiet oħra, sabet ksur minħabba f'dewmien u ħassret ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

68. Jiġi osservat, madanakollu, illi l-fattispecje tal-każ tar-rikorrent odjern huwa ferm differenti minn dawk tal-każ John Saliba, għajr għal dak illi jirrigwarda dewmien. Jirriżulta, di fatti, illi fil-każ ta' Saliba, proċeduri illi nbdew fit-3 ta' Diċembru 1987 kienu ġew konklużi għaxar snin wara, ossija fit-12 ta' Diċembru 1997. Jirriżulta, madanakollu, illi l-Qorti Kostituzzjonali qieset ukoll illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ngħatat "*fuq opinjoni ta' esperti li ma setgħux jitqiesu bħala indipendenti u imparzjali u dan bi ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja*", u għalhekk għaddiet biex tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

69. Fil-każ odjern, minkejja illi r-rikorrent ikkontenda illi r-regolament tas-saħħa u sigurta' ma kinux japplkaw lejh bħala sid tal-propjeta', peress illi LN 281 tas-sena 2004 kienet '*ultra vires'*, argument illi huwa rebaħ kemm fil-Prim' Istanza kif ukoll fl-Appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 2022, sabitu ħati tal-ksur ta' l-istess regoli, mhux bħala sid tal-propjeta' iżda bħala kutrattur, kif kien instab ukoll oriġinalment fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Otturu 2009!

70. Għalhekk, minkejja illi r-rikorrent qiegħed jikkontendi illi kien hemm dewmien fil-proċess kriminali u għalhekk kellu dritt tiegħu leż, tali dewmien kien kkawżat minn proċeduri minnu mibdija li, għalkemm ma huwiex aċċettabbli għall-fini tal-proċeduri odjerni, ċertament ma kienx wieħed illi huwa bbenefika minnhom finalment, stante illi kull ma ġara kien illi, sabiex jiġi kkontestat punt legali li ftit jew wisq kien ser ikollu effett fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-proċess kollu kontra tiegħu ġie ffriżat għall-perjodu ta' għaxar snin, bir-riżultat illi dak li seta' skonta għaxar snin ilu, spiċċa kellu jiskonta llum.

## Ikkunsidrat

71. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tgħaddi biex tqis ir-rimedju għal-leżjoni sofferta.

72. Il-Qorti tosserva illi, kemm fit-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors promotur, kif ukoll tul il-proċeduri odjerni u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrent, ir-rikorrent dejjem saħaq illi l-Qorti odjerna kellha rimedju li setgħet tipprovdi, ossija illi tipprovdi li r-rikorrent ma jibqax jiskonta l-piena fuqu inflitta.

73. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fit-tielet talba, il-Qorti intalbet tieħu kull provvediment ieħor li jkun jidhrilha opportun.

74. L-abbli difensur tar-rikorrent jikkontendi illi dritt għat-tgawdija tal-ħajja tar-rikorrenti għandha tipprevali fuq dik ta' kumpens, u għalhekk, flok kumpens monetarju, r-

rikorrent għandu jiġi liberat mill-ħabs u ma jibqax jiskonta s-sentenza ta' sentejn ħabs fuqu inflitta, u dana in vista tal-hekk deskritta "*inestimable value of life*", kif kien jgħid l-mibki Professur Guido De Marco.

75. L-Avukat tal-Istat, da parte tiegħu, saħaq illi, filwaqt illi kien minnu illi l-proċeduri ttawlu inutilment, dana seħħ peress illi r-rikorrent ried jikkontesta liġi, kif kellu kull dritt ili jagħmel, iżda li ftit li xejn eventwalment kellha effett fuq il-proċeduri kriminali, u żied illi, wara li l-Qorti tal-Appell Kriinali semgħet, b'mod straordinarju, ix-xhieda ta' Marie Diane Mule Stagno, hija pproċediet biex tnaqqas il-piena ta' ħabs minn tlett snin għal sentejn. Huwa insista illi l-Liġi trid tiġi rispettata minn kulħadd.

76. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi l-każ odjern jirrigwarda esklussivament id-dewmien fil-proċeduri kriminali, u fit-talba tiegħu, r-rikorrent imkien ma talab dikjarazzjoni fis-sens illi s-sentenza ta' ħabs ta' sentejn mogħtija kontra tiegħu kienet inġusta jew inkorretta fil-konfront tiegħu – kull ma talab huwa illi huwa sofra leżjoni "*għax dawn il-proċeduri ma ġewx deċiżi fi żmien raġjonevoli*".

77. U sa hawnhekk, il-Qorti taqbel mar-rikorrenti, peress illi joħroġ ċar illi d-dewmien tal-proċeduri fl-interjieta' tagħhom ma huwiex wieħed aċċettabbli f'soċjeta' bħal tagħna.

78. Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrent jisħaq li, peress illi l-proċeduri ħadu ħafna żmien, allura huwa ma għandux jibqa' jiskonta l-piena ta' ħabs lilu inflitta.

79. Hawnhekk, il-Qorti ma taqbilx mal-asserzjoni tar-rikorrent.

80. Irid jibda billi jingħad illi jirriżulta mill-korp tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, illi l-istess Qorti fliet fir-reqqa l-argumenti kollha tad-difensuri tar-rikorrent u qieset ukoll kemm il-gravita' tal-akkużi kif ukoll il-karba għall-maħfra magħmula mill-qariba ta' waħda mill-vittmi.

81. Jirriżulta wkoll illi, fir-raġunament tagħha, il-Qorti tal-Appell Kriminali fehmet ukoll it-trapass ta' żmien mhux f'loku illi bih kienu maħkuma l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, fejn qieset dawn ukoll fid-deċiżjoni aħħarija tagħha li fih irriduċiet il-piena karċerarja minn tlett snin għal-sentejn.

82. Għalhekk, għal dak li jirrigwarda rimedju f'forma ta' skarċerazzjoni tar-rikorrent, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Appell Kriminali tat widen għall-ilmenti tar-rikorrent ta' dewmien billi kkunsidrathom fis-sentenza tagħha u rriduċiet il-piena ta' ħabs, kif kellha kull dritt illi tagħmel.

83. Għalhekk, it-Tieni talba tar-rikorrent ma tistax tiġi akkolta.

84. Il-Qorti hawnhekk tirrileva ulterjorment li dak li ma setgħetx tagħmel il-Qorti tal-Appell Kriminali, u li di fatti ma għamlitx, huwa illi tipprovdi xi kumpens monetarju għal dewmien, liema talba issa qiegħda ssir lil dina l-Qorti, u dana huwa inkluż fit-tielet talba tar-rikorrent, kif redatta, ossija illi tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha opportun.

85. Di fatti, ladarba ġie ben stabbilit illi kien hemm dewmien esaġerat u bla bżonn fil-proċeduri kollha, partikolarment dawn fi stadju tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, jispetta lil dina l-Qorti sabiex tagħti rimedju f'forma ta' kumpens għal tali dewmien, liema

kumpens għandu jkun ekwu u jirrifletti kemm ir-raġuni tad-dewmien kif ukoll l-effetti illi tali dewmien ħalla fuq min kien involut fil-proċess, fil-każ odjern ir-rikorrent.

86. Ġie stabbilit illi tali dewmien irreka tbagħtija emozzjonali u psikoloġika fuq il-qraba tal-vittmi tal-akkadut, u l-Qorti ma għandha ebda dubju illi tali dewmien ikkawża wkoll tbagħtija fuq ir-rikorrent stess, fejn għamel tmintax-il sena sħaħ jistenna l-eżitu finali fil-konfront tiegħu, ben a konoxxenza tal-fatt illi, sa mis-sena 2009, kien ikkundannat jiskonta piena ta' ħabs ta' tlett snin.

87. Mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, filwaqt illi huwa minnu li r-rikorrent kellu kull dritt jikkontesta liġi illi huwa ġie akkużat li kiser bħala sid, ftit li xejn finalment dina kellha effett fis-sentenza finali, peress illi nstab ħati ta' tali akkużi, din id-darba bħala kuntrattur, sentenza illi kienet ġia ngħatat lilu hekk fis-sena 2009.

88. Il-kontestazzjonijiet tiegħu wasslu biss sabiex tiġi posposta l-eżitu finali tas-sentenza mogħtija f'Ottubru 2009 – ossija dik ta' inkarċerazzjoni.

89. Għalhekk, il-Qorti tirrileva li, minkejja li kwalsiasi dewmien ta' dan it-tip ma huwa bl-ebda mod aċċettabbli, ċertament tali dewmien kien ukoll riżultat ta' proċeduri estraneji għall-proċess kriminali, li nieda r-rikorrent, u li setgħu jiġu, possibbilment, evitati.

90. Madanakollu, dewmien kien hemm, u ta' dan ir-rikorrent għandu dritt ta' kumpens w il-Qorti ser tilqa' t-tielet talba u tipprovdi rimedju ulterjuri.

91. Il-Qorti, wara illi ħadet nota tal-proċess kollu ġudizzjarju, sa minn meta ġew istitwiti fit-28 ta' Ġunju 2005, sakemm ġew deċiżi b'mod finali fis-27 ta' Ottubru 2022, tqis illi kumpens ġust u ekwu għal leżjoni sofferta mir-rikorrenti għandha tkun dik ta' sebat elef Euro (€7,000).

92. Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi sabiex takkorda kumpens għal danni morali fl-import ta' sebat elef Euro (€7,000).

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-rikors tar-rikorrent w ir-risposta tal-intimati;

Wara illi rat l-atti tal-proċeduri Ċivili Rikors Ġuramentat 2/2010 fl-ismijiet '**Paul Demicoli vs Ministru Politika Soċjali et**' deċiża fil-Prim' Istanza fis-16 ta' Jannar 2018 u fl-Appell Superjuri fit-12 ta' Lulju 2019;

Wara illi rat l-atti tal-proċeduri Kriminali Nru 585/2005 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Kevin Bonnici, Paul Demicoli u Paul Magro**' deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Ottubru 2009 u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Appell Nru 387/2009, fl-istess ismijiet deċiż fis-27 ta' Ottubru 2022;

Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub kif ukoll semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa' l-Ewwel Talba** u għalhekk:

**Tiddikjara** illi r-rikorrenti sofra leżjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu meta l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, deċiżi finalment fis-27 ta' Ottubru 2022, ħadu aktar minn tmintax-il sena sabiex jingħalqu b'mod definittiv, u dana bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Tiċħad it-Tieni Talba** kif redatta.

**Tilqa' t-Tielet Talba** u bħala provvedimenti ulterjuri tgħaddi biex:

**Tikkundanna** lill-Avukat tal-Istat, bħala rappreżentant tal-Gvern, sabiex jagħmel tajjeb għal tali ksur billi jħallas lir-rikorrent, bħala kumpens ta' danni morali, is-somma ta' sebat elef Euro (€7,000).

**Tordna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent, is-somma ta' **sebat elef Euro (€7,000)**, kif fuq aħjar deskritt.

**Spejjeż** kollha tal-proċeduri odjerni, inkluż dawk tal-proċeduri interim, ikunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Imgħax** dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**